## IX-XAHAR TAR-RUŻARJU

Ġa għadda nofs ix-xahar ta’ Ottubru, u ġimagħtejn ilu ċċelebrajna l-festa tal-Madonna tar-Rużarju u dakinhar wara l-purċissjoni rringrazzjajt lil Alla tal-preżenza sabiħa tagħkom li nġbartu titolbu b’vuċi waħda dik it-talba li tant hi għall-qalb ta’ Marija kif irrepetiet hi stess għal sitt darbiet bejn Mejju u Ottubru tal-1917, fid-dehriet ta’ Fatima ġewwa l-Portugall. Fit-13 t’Ottubru quddiem it-tlett itfal Lucia, Jacinta u Francisco u folla ta’ 50,000 ruħ, qalet lil Lucia, li tixtieq li “jkomplu dejjem jgħidu r-rużarju kuljum.” U fit-13 ta’ Lulju kienet qalet ukoll sabiex wara kull misteru jingħad, dak li għadna ngħidu sal-lum: “O Ġesù tiegħi aħfrilna dnubietna, ħarisna min-nar tal-infern, ħu l-ġenna l-erwieħ kollha speċjalment dawk l-iktar li għandhom bżonn tal-ħniena tiegħek”.




Jingħad li t-talba tar-rużarju bdiet fis-seklu XIII fi ħdan l-ordni taċ-Ċisterċensi li fasslu din it-talba fuq użanza medjevali meta kienet titpoġġa kuruna tal-ward madwar l-istatwi tal-Madonna, simbolu tat-talb sabiħ u jfuħ li kontinwament noffru lil Marija. U fis-7 t’Ottubru tal-1571 daħlet il-festa tal-Madonna tar-Rużarju, mill-Papa Piju V, wara katina ta’ talb tar-rużarju fost l-insara tal-Ewropa kollha, u r-rebħa tal-battalja ta’ Lepanto kontra l-attakk tat-Torok.

Nemmen li llum din it-talba għandbaqgħalna bżonnha ħafna; speċjalment fit-taqbid li jkollna ta’ kuljum kontra t-tentazzjonijiet u l-ġibdiet tal-ħażen li jkollna ġo fina u madwarna. Ejjew għalhekk f’dax-xahar inkomplu nidraw inħallu ’l din it-talba ta’ Marija trebbaħna kontra l-qerq tax-xitan u tqarribna iktar lejn Alla: dawl u salvazzjoni tagħna.

**Nhar il-Ġimgħa 25 t’Ottubru fil-5.30pm ser niltaqgħu biex ngħidu r-Rużarju fi Triq tad-Duru (ma’ Triq tax-Xini).** Għandna ħafna x’nitolbuha lill-Verġni Mbierka.

**AVVIŻI:**

Se jerġa’ jibda jiltaqa’ l-Grupp ta’ Sapport għall-familji ta’ persuni b’diżabbiltà. L-ewwel laqgħa se ssir il-Ġimgħa 1 ta’ Novembru, fis-Sala ta’ Dar Arka, Għajnsielem, mill-5.30pm u sas-7.00pm. F’din l-ewwel laqgħa se jiġu diskussi d-dati għal-laqgħat suċċessivi.

Il-Kunsill Lokali javża li fuq bażi ta' *first come first served*, ser jitqassmu pakketti tal-kampanja *Water Be The Change*. Dawn interessati għandhom imorru l-uffiċċju tal-Kunsill.Grazzi.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ħamis 24 t’Ottubru se torganizza ħarġa sal-Birgu fejn se ssir żjara fil-Mużew Marittimu. Tluq fit-8.00am minn ħdejn iċ-Ċentru, lura fit-3.30pm. Dawk interessati għandhom jieħdu magħhom il-passaport tal-Heritage Malta. Ċemplu lil Tonina fuq 79923153 / 21553041 jew lil Ġuża fuq 99228906 / 21552326.

Issa li riesaq ix-xahar ta’ Novembru nixtieqʼu nħejju ċ-ċimiterji tagħna biex ikunu post aktar dinjituż fejn niltaqgħu nitolbu għall-erwieħ tal-għeżież tagħna li daħlu fil-mistrieħ ta’ dejjem. Iċ-ċimiterju jeħtieġ kura u attenzjoni kontinwa. U tajjeb inkunu nafu li l-ħlas li qed jiġi mitlub kull sena mill-propretarji tal-oqbra qed iservi sabiex itaffi ftit mill-ispejjeż li tinvolvi l-manutenzjoni ordinarja taċ-ċimiterju. Il-parti l-kbira tax-xogħol li jsir speċjalment dak straordinarju qed isir kollu fuq bażi volontarja minn diversi parruċċani bħalna. Għalhekk ħassejna biex nagħmlu sejħa lil kull min jixtieq jagħti daqqa t’id sabiex nagħmlu **tindifa ġenerali tal-ġonna li hemm fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina nhar is-Sibt 26 t’Ottubru fit-8.30am**. Napprezzaw ħafna jekk tiġu tgħinuna.

Bħalissa qed inħejju għall-programm ta’ katekeżi għall-ġenituri u t-tfal li din is-sena ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof. Sakemm tirċievu l-istedina fi djarkom, xtaqna navżawkom minn qabel li **l-ewwel laqgħa ser tkun, fis-7.00pm, fil-MUSEUM tas-subien: il-Ħamis 24 ta’ Ottubru għal tal-Ewwel Tqarbina, u l-Ġimgħa 25 t’Ottubru għal dawk tal-Griżma.** It-tfal ser ikollhom ukoll laqgħa għalihom, fl-istess ħin waqt dik tal-ġenituri.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am